

32006R1204

10.8.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 219/5

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1204/2006**tad-9 ta' Awwissu 2006****li jemenda l-Anness V tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 1899/2005 dwar il-limiti kwantitattivi ta' ċerti prodotti ta' l-azzar**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1899/2005 tas-27 ta' Ġunju 2005 dwar l-amministrazzjoni ta' ċerti restrizzjonijiet fuq-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ta' l-azzar mill-Federazzjoni Russa ⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa ffirmaw ftehim dwar kummerċ f'ċerti prodotti ta' l-azzar fit-3 ta' Novembru 2005 ⁽²⁾ ("il-Ftehim").
- (2) L-Artikolu 3(3) tal-Ftehim jipprevedi li kwantitajiet mhux użati f'sena speċifika jistgħu jinġarru għas-sena ta' wara sa massimu ta' 7 % tal-limitu rilevanti kwantitattiv imsemmi fl-Anness II tal-Ftehim.
- (3) Skond l-Artikolu 3(4) tal-Ftehim, jistgħu jsiru trasferimenti bejn gruppi ta' prodotti sa 7 % tal-limitu kwantitattiv ta'

grupp ta' prodott speċifiku u trasferimenti bejn kategoriji ta' prodott jistgħu jsiru sa massimu ta' 25 000 tunnellata.

- (4) Ir-Russja għarrfet lill-Komunità bl-intenzjoni tagħha li tuża d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 3(3) u (4) fil-limiti ta' żmien imsemmija fil-Ftehim. B'riżultat tat-talba Russa, huwa xieraq li jsiru l-aġġustamenti meħtieġa għal-limiti kwantitattivi għas-sena 2006.
- (5) Ir-Regolament (KE) Nru. 1899/2005 għandu jkun emendat skond dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-limiti kwantitattivi għas-sena 2006 msemija fl-Anness V għar-Regolament (KE) 1899/2005 jinbidlu ma' daww imsemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ għoxrin jum wara li jkun ippublikat fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 9 ta' Awwissu 2006.

Għall-Kummissjoni
Peter MANDELSON
Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 303, 22.11.2005, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 303, 22.11.2005, p. 39.

ANNESS

LIMITI KWANTITATTIVI GĦAS-SENA 2006

Prodotti	2006
SA Prodotti ċatti rrumblati	
SA1. Kojls	995 554
SA2. Folji tqal	201 025
SA3. Prodotti oħra ċatti rrumblati	462 118
SA4. Prodotti llegati	103 015
SA 5. Folji quarto llegati	22 010
SA 6. Pjanċi b'kisja u llegati li jsiru permezz ta' tisfif tal-metall mingħajr l-użu tas-sħana	109 604
SB. Prodotti twal	
SB1. Travi	50 373
SB2. Virga tal-wajer	195 080
SB3. Prodotti oħra twal	289 151
Nota: SA u SB huma kategoriji ta' prodotti SA1 sa SA6 u SB1 sa SB3 huma gruppi ta' prodotti	